**8 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Dr Ever Grech

*versus*

Joseph N. Tabone *noe*

**Depożitu *Bearer* – Telf ta' Ktieb tad-Depożitu *Bearer* – Titolu għall-Portatur – *Buona Fede* – *Mala Fede***

*Kawża dwar telf ta' librett ta' Kont "Bearer".*

*Il-Qorti tal-Kummerċ tat rimedju fis-sens illi ddikjarat lill-attur proprjetarju esklussiv tal-flus iddepożitati fil-Bearer Account "de quo".*

*Il-Bank konvenut ġie inibit milli jħallas għal żmien stabbilit mill-Qorti l-kapital u l-imgħax basta li l-attur qabel id-data hekk stabbilita mill-Qorti jagħmel garanzija adegwata biex l-istess Bank jiġi indennizzat għal kull danni li jista' jsofri jekk jiġi hekk imġiegħel b'sentenza tal-Qorti fil-konfront tad-detentur eventwali tad-depożitu bearer in kwistjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa kien inkariga lill-mamà tiegħu Mary Grech sabiex f'ismu u fl-interess tiegħu tinvesti fil-*Bank of Valletta Limited* fil-*Branch* ta' *Palace Square, Valletta* s-somma ta' disat elef lira Maltija

*Bearer Account* ma' l-istess Bank, liema *Bearer Account* li jġib in-numru 32000773 u liema depożitu kien sar fil-25 ta' Mejju 1989;

U billi l-istess librett tal-fuq imsemmi kont kien miżmum f'ismu u fl-interess tiegħu mill-prokuratriċi tiegħu l-imsemmija Mary Grech;

U billi dan il-librett ta' dan il-kont kien intilef u ma setax jinsab mill-attur u lanqas mill-fuq imsemmija prokuratriċi tiegħu u l-fatt tan-nuqqas ta' l-istess librett inġib a konjizzjoni tal-fuq imsemmi bank konvenut sija personalment mill-prokuratriċi tiegħu l-imsemmija Mary Grech kif ukoll b'korrispondenza mħollija f'idejn l-uffiċjali ta' l-istess bank;

U billi l-konvenut jinħtieġ għad-dikjaratorju u awtorizzazzjoni mill-Qorti biex jikkonoxxu lill-attur bħala proprjetarju esklussiv tal-flus iddepositati għand il-konvenut *nomine* kif deskritt fuq u sabiex jirrilaxxaw lill-attur dawk l-istess somom ta' flus flimkien ma' l-imgħax relattivi fuq l-istess attur talab li jiġi minn dina l-Qorti ddikjarat u deċiż:

1. L-attur huwa l-uniku proprjetarju esklussiv tal-flus iddepożitati u ċjoè tad-disat elef lira Maltija tal-*Bearer Account Booklet Number* 3200073 flimkien ma' l-imgħax akkomulat relattiv;

2. L-attur għandu jiġi rikonoxxut bħala l-proprjetarju esklussiv ta' l-imsemmi depożitu mill-konvenut *nomine;*

3. L-attur għandu jinħariġlu mill-konvenut *nomine* il-librett relattiv tad-depożitu fuq imsemmi;

4. Il-konvenut *nomine* jiġi inibit milli jħallas l-imsemmi ammont ta' flus u imgħax relattivi lil kwalunkwe persuna li tippreżenta l-librett ta' depożitu imsemmi;

5. Il-konvenut *nomine* jirrilaxxja favur l-attur l-istess depożitu u ċjoè l-kapital u imgħax akkumulati relattivi okkorrendo wara li jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-każ u dan mid-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni jew jekk jidhrilha xieraq wara li l-attur jagħti dawk il-garanziji li jidhrilha meħtieġa timponi l-Qorti;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-avukat Dottor Louis M. De Gabriele għan-nom u in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta Limited* li biha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-attur irid jipprova li għandu xi interess ġuridiku jagħmel din il-kawża peress illi l-unika persuna li għandha relazzjoni ġuridika ma' l-eċċipjent *nomine* huwa biss il-portatur tal-librett;

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ewwel u t-tieni talbiet ta' l-attur huma infondati għaliex *ai termini* ta' l-artikolu 558(1) tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta fil-każ ta' titoli għall-portatur bħal ma huwa l-każ preżenti l-pussess ta' tali titoli f'idejn terzi ta' *buona fede* huwa ekwivalenti għall-titolu u li skond l-artikolu 532 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta fil-każ ta' titoli għall-portatur bħal ma huwa l-każ preżenti l-pussess ta' tali titoli f'idejn terzi ta' *buona fede* huwa ekwivalenti għal titolu u li skond l-artikolu 532 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta l-*buona fede* hija dejjem preżunta u l-*mala fede* trid tiġi

ppruvata u għalhekk qatt ma jista' jkun li l-attur jiġi ddikjarat uniku proprjetarju esklussiv ta' flus iddepositati f'*Bearer Account* jekk dan m'għandux il-pussess *fiżiku tal-librett*;

3. Illi l-uniku rimedju a disposizzjoni ta' l-attur huwa dak kanonizzat fl-artikolu 559 tal-Kap. 16 *tal-liġijiet ta'* Malta u ċjoè li min jitlef il-ħaġa jista' jitlob ir-restituzzjoni tagħha mingħand il-pussessur u għalhekk l-attur għandu jistitwixxi azzjoni diretta kontra d-detentur tal-librett u mhux kontra l-eċċipjent *nomine*, għalhekk ir-rimedju mitlub mill-attur mhux previst mil-liġi;

4. Illi in kwantu għat-tielet talba l-eċċipjent *nomine* ma jistax joħroġ titolu għall-portatur li jintitolah għall-flus iddepożitati f'bank meta dawk il-flus huwa intitolat għalihom min fil-fatt għandu l-pussess materjali tal-librett;

5. Illi in kwantu għar-raba' talba attriċi hija infondata stante illi l-eċċipjent għandu obbligu kontrattwali a favur tal-portatur tal-librett li jħallsu l-flus iddepożitati l-bank meta jippreżenta dak il-librett u *ma jistax* għalhekk jiġi inibit mill jaderixxi ma' l-obbligi kontrattwali tiegħu, għax dan iwassal lill-konvenut fil-posizzjoni li jikser il-liġi fil-konfront tal-portatur tal-librett;

6. Illi in kwantu għall-ħames talba japplikaw ukoll l-*eċċezzjonijiet suesposti stante illi mhux legalemnt possibbli li kont Bearer* jiġi żbankat a favur ta' xi persuna mingħajr ma dik il-persuna tipproduċi l-librett relattiv, hija n-natura stess tal-kuntratt li permezz tiegħu klijent ta' bank jista' jiftaħ *Bearer Account* li l-portatur tal-librett huwa awtomatikament is-sid tal-kreditu fl-istess kont u l-bank huwa tenut a bażi ta' l-istess kont u l-bank huwa tenut a bażi ta' l-istess relazzjoni kontrattwali

li jirrikonoxxi bħala s-sid tal-kreditu u jħallas biss u esklussivament lill-portatur tal-librett mingħajr ma jindaga b'liema mod il-librett ġie fil-pussess tiegħu altrimenti jintilef kompletament l-iskop ta' *Bearer Account;*

*Omissis;*

Irriżulta li l-attur ta prokura ġenerali lill-mamà tiegħu Mrs Mary Grech biex teħodlu ħsieb l-interessi tiegħu meta jkun imsiefer. Huwa talabha li tiddepożita s-somma ta' disat elef lira Maltija (Lm9000) f'kont *Bearer*. Effettivament fil-25 ta' Mejju 1989 Mrs Grech fetħet *Deposit Account Bearer* għal sena mal-*Bank of Valletta, Palace Square, Valletta* għal din is-somma ta' Lm9000. Il-librett relattiv kien iġib in-numru 32000773. Dak inhar hija fetħet seba' (7) kontijiet separati oħra *Bearer* li jġibu n-numri konsekuttivi min-numru 3200770 sa 32000777. Hija wriet dawn is-seba' libretti l-oħra fis-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 1991. Hija xehdet li żammet dawn it-tmien libretti *bearer*, flimkien fid-dar tagħha. Meta marret biex tiġbed l-imgħax fuq dawn il-kontijiet hija ma sabitx il-*bearer book* relattiv għas-somma ta' Lm9000 ta' l-attur. Mrs Grech xehdet li sa Frar – Marzu 1990 dan il-librett żgur kien għadu għandha billi hija kienet irriferiet għalih meta mliet ir-*return* ta' l-*income tax* għan-nom ta' binha l-attur. Effettivament indikat dan il-kont *bearer* fil-formola imsemmija;

Hija aċċertat lill-Qorti li dan il-librett dejjem żammitu d-dar tagħha u qatt ma taf li ħallietu f'idejn ħaddieħor. Malli ndunat li l-librett *bearer* in kwistjoni kien nieqes hija nformat lill-bank b'dan fejn qalulha li l-unika soluzzjoni biex huma jirrilaxxjaw il-flus kienet li jkollhom ordni f'dan is-sens mill-Qorti;

Ikkunsidrat:

Din il-kawża qiegħda ssir proprju biex l-attur jottjeni rimedju għat-telfien tal-*bearer book* tiegħu fis-sens li jieħu lura l-kapital ta' Lm9000 u l-imgħaxijiet fuqhom li ddekorrew billi l-bank irrifjuta li jagħmel dan jekk ma jkunx hemm ordni tal-Qorti fin-nuqqas tal-preżentata tal-librett *innifsu*;

Effettivament il-qrati tagħna fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet leġislattivi *ad hoc* ipprovdew rimedju ekwu f'każijiet simili billi rrikonoxxew lill-proprjetarju spossessat ta' librett *bearer* id-dritt li jadixxi l-Qorti u jitlob li jiġi rikonoxxut bħala proprjetarju tat-titolu tal-portatur in kwistjoni. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' April 1971 fil-kawża fl-ismijiet "Alfred Pace Bellizzi *vs* Louis Galea *nomine*" f'proprjetarju spossessat ikun irid jipprova konkluživament li hu verament il-proprjetarju tal-librett, li hu safa vittima tat-telfien tal-librett minħabba smarriment jew distruzzjoni jew serq ta' l-istess librett u mbagħad ikun irid jistenna li tiġi kompjuta l-preskrizzjoni opportuna biex jekk sadanittant ma jkunx ippreżenta ruħu ħadd, ikun jista' jġib 'il quddiem id-dritt tiegħu. F'dak il-każ il-Qorti ma aċċettatx it-teżi proprosta mill-attur f'dik il-kawża li hu jitħallas immedjatament kontra garanzija mill-bank. Din il-Qorti biex tevita ripetizzjonijiet inutili tirreferi għall-konsiderazzjonijiet studjati li jissemmew f'dik is-sentenza u li fuqhom il-Qorti ta' l-Appell waslet għal dik il-konklużjoni;

Illi dik is-sentenza ġiet segwita mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Marzu 1983 fil-kawża "Domenico Cuschieri *vs* Arthur Arrigo *noe*" kif ukoll minn din il-Qorti, kif issa presjeduta fis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Mejju 1986 fil-kawża fl-ismijiet "Franco Saverio Vassallo *et vs* Dennis

Degiorgio *noe et noe*''. F'din l-aħħar imsemmija sentenza ġie għall-ewwelk darba ffissat terminu ta' ħames snin mid-data tas-sentenza, f'liema perijodu l-*bearer account* in kwistjoni safa imblokkat biex jilqa' għall-possibilità remota li jitfaċċa xi terz possessur *in buona fede;*

Illi l-aħħar pronunzjament li din il-Qorti taf bih, tal-Qorti ta' l-Appell tagħna jinsab fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu 1992 fil-kawża fl-ismijiet ''Gaetano Abdilla *noe vs* Dottor Riccardo Farrugia *noe et*''. F'dik il-kawża l-bank konvenut ressaq eċċezzjonijiet sostanzjalment simili għall-eċċezzjonijiet *imqajma mill-konvenut f'din* il-kawża odjerna. Dawk l-eċċezzjonijiet ma ġewx milqugħa minn din il-Qorti diversament presjeduta, li invece laqgħat it-talba ta' l-attur in parte u ordnat li l-attur jipprovdi garanzija f'termini preċiżi biex timminimizza jekk mhux tannulla l-preġudizzju li seta' jsofri l-bank f'każ li jitfaċċa terz possessur *in buona fede.* Din il-Qorti fis-sentenza tagħha ma imponietx terminu ta' ħames snin jew ta' tletin sena iżda imponiet terminu ta' sena mid-data meta l-*bearer account* in kwistjoni kellu jimmatura;

Il-bank konvenut appella minn dik is-sentenza però dak l-appell ma ġiex milqugħ u s-sentensza tal-Qorti tal-Kummerċ ġiet ikkonfermata;

Ikkunsidrat:

Illi l-bank konvenut fil-kawża odjerna ressaq eċċezzjonijiet u argument simili...*Omissis*...għal dawk li tressqu fl-aħħar ċitata kawża. Din il-Qorti ma tistax takkoljihom billi jidhrilha li l-ġurisprudenza stabbilita hija waħda ekwa u ġusta u ma hemmx lok li tiġi disturbata. Kif jgħid Vivante *(Trattato di Diretto*

*Commerciale V Edizione 1935 Vol. III Para. 1459)* ir-rimedju addottat dottrinalment minnu (li jixbah ir-rimedju addottat mill-qrati tagħna) kien intiż interalia biex jirrikonċilja diversi interess. Vivante jgħid hekk:

*"D'altra parte si salvera la vittma di una disgrazia da una partita irreparabile, e s'impedirà all'istituto emittente di far un guadagno e una disonesta specialazione sul furto";*

Effettivamernt li kienu kellhom jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet mill-bank konvenut x'aktarx li r-riżultat ikun l-arrikkament indebitu u inġust da parti ta' din il-banka a skapitu u bi preġudizzju kbir għall-attur;

Illi din il-Qorti tikkondividi r-raġunijiet u l-motivi li l-qrati tagħna inducewhom li jaddottaw ir-rimedji ekwitattivi li jissemmew fis-sentenzi fuq ċitati. Għalhekk din il-kawża sejra tkun deċiża fuq il-bażi tagħhom. Konsegwentement l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut *nomine* ma jistgħux jintlaqgħu u invece għandhom jintlaqgħu billi huma ġġustifikati t-talbiet kollha ta' l-attur, minbarra t-tielet talba billi l-eventwali rifużjoni ma hijiex sejra ssir a bażi tal-librett sostitut rikjest mill-attur, iżda a bażi ta' din is-sentenza, kif ukoll minbarra l-ħames talba għar-raġuni li se tissemma aktar 'l isfel;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine:*

A. Tilqa l-ewwel talba ta' l-attur u għalhekk tiddikjara lill-istess attur proprjetarju esklussiv tal-flus iddepożitati fil-*fixed deposit bearer account* numru 32000773 maħruġ mill-*Bank of Valetta Limited* fil-fergħa tal-*Palace Square, Valletta* għas-

somma ta' disat elef lira Maltija liema depożitu mmatura fil-25 ta' Mejju 1990 kif ukoll l-imgħax akkumulat relattiv;

B. Tilqa' t-tieni talba eżattament kif dedotta;

Ċ. Tiċħad it-tielet talba;

D. Tilqa' r-raba' talba fis-sens li tinibixxi lil *Bank of Valletta Limited* milli jħallas il-kapital u l-imgħax relattiv għall-imsemmi *fixed deposit bearer account* numru 32000773 mil-lum sal-25 ta' Mejju 1993 basta li l-attur qabel l-24 ta' Mejju 1993 jikkostitwixxi favur il-*Bank of Valletta Limited* garanzija adegwata biex l-istess bank jiġi indenizzat għal kull dannu li jista' jsofri jekk huwa jiġi mġiegħel b'sentenza ta' dawn il-qrati, fil-konfront tad-detentur eventwali tad-depożitu *bearer* in kwistjoni, li jirrifondi l-kapital u l-imgħax relattiv. F'dak il-ġudizzju il-bank ikun obbligat li jsejjaħ fil-kawża lill-attur u din għandha tkun kondizzjoni tal-garanzija li l-istess attur għandu jikkostitwixxi favur il-*Bank of Valletta Limited;*

E. Tiċħad il-ħames domanda ta' l-attur f'dana l-istadju billi r-rilaxx mitlub tad-depożitu ma jistax isir qabel il-kostituzzjoni tal-garanzija biex il-bank konvenut ikun indennizzat għal kull eventwali dannu li jista' jbati;

L-ispejjeż jibqgħu a karigu ta' l-attur billi l-bank konvenut kellu jissubixxi dan il-ġudizzju bla ebda tort da parti tiegħu.